



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 16 ta' Diċembru 2020
(OR. en)**

2020/0035 (COD)

PE-CONS 48/20

**TRANS 519
CODEC 1150**

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-Sena Ewropea tal-Ferroviji (2021)

DEĊIŻJONI (UE) 2020/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar is-Sena Ewropea tal-Ferroviji (2021)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja³,

¹ ĠU C 364, 28.10.2020, p. 149.

² L-opinjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2020 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019, intitolata 'Il-Patt Ekoloġiku Ewropew' ("Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew"), il-Kummissjoni stabbiliet Patt Ekoloġiku Ewropew għall-Unjoni u għaċ-ċittadini tagħha. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew approva l-oġettiv li tinkiseb Unjoni newtrali għall-klima sal-2050.
- (3) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020, il-Parlament Ewropew laqa' tajjeb il-Komunikazzjoni dwar "il-Patt Ekoloġiku Ewropew" u appella għat-tranżizzjoni meħtieġa lejn soċjetà newtrali għall-klima sal-2050.

- (4) F'konformità mal-obiettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, hemm bżonn li l-ekonomija tal-Unjoni tinbidel u li jitfasslu mill-ġdid il-politiki, b'mod partikolari fil-qasam tat-trasport u l-mobilità. It-trasport jirrappreżenta kwart tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni, sehem li għadu qed jikber. Biex tinkiseb in-newtralità klimatika jeħtieġ li jkun hemm tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet mit-trasport sal-2050. Il-kisba ta' trasport intermodali sostenibbli tirrikjedi li l-utenti jitpoġġew l-ewwel u jiġu pprovduti b'alternattivi aktar affordabbli, aċċessibbli, aktar favorevoli għas-saħħa u aktar nodfa u aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija mid-drawwiet attwali tal-mobilità tagħhom, filwaqt li jiġu inkoraġġiti dawk li diġà qed jużaw modi sostenibbli tat-trasport bħall-mixi, ir-roti u t-trasport pubbliku.
- (5) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jimplika li titħaffef il-bidla lejn mobilità sostenibbli u intelliġenti biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi. B'mod partikolari, parti sostanzjali mill-75 % ta' merkanzija interna li tinġarr illum bit-triq jenħtieġ li tingħadda fuq il-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni. Sabiex isseħħ dik il-bidla, huma meħtieġa investimenti sinifikanti, inklużi investimenti magħmula fil-kuntest tal-irkupru, u parti essenzjali minnhom se tkun relatata mal-implimentazzjoni tan-*Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T)* u l-isforzi biex tiżdied l-effiċjenza tal-kurituri tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija.

- (6) Il-ferrovija għandha rwol sinifikanti x'taqdi bħala fattur ta' bidla biex jintlaħaq l-oġettiv ta' newtralità klimatika sal-2050. Huwa wieħed mill-aktar mezzi ta' trasport li ma jaġmlux ħsara lill-ambjent u li huma effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Il-ferroviji huma ġeneralment elettriċizzati u jemettu ferm anqas CO₂ minn vjaġġar ekwivalenti bit-triq jew bl-ajru. Huma l-uniku mezz tat-trasport li konsistentement naqqas l-emissjonijiet tiegħu ta' gassijiet b'effett ta' serra u l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-1990 'l hawn. Barra minn hekk, il-ferroviji naqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom bejn l-1990 u l-2016 u qed jużaw dejjem aktar sorsi ta' enerġija rinnovabbli.
- (7) Il-kriżi tal-COVID-19 laqtet eċċezzjonalment ħażin lis-settur tat-trasport. Minkejja r-restrizzjonijiet operazzjonali u finanzjarji, is-settur żamm konnessjonijiet kruċjali, kemm għat-trasport ta' persuni kif ukoll għat-trasport ta' oġġetti essenzjali. Dan kien possibbli prinċipalment bis-saħħa tal-impjegati li komplew jaħdmu f'kundizzjonijiet diffiċli u inċerti. Ir-rwol strateġiku li żvolġew il-ferroviji matul il-kriżi tal-COVID-19 enfasizza li l-kisba taż-żona ferrovjarja unika ewropea, stabbilita bid-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, hija meħtieġa kemm biex tiġi ffaċilitata l-provvista ta' oġġetti essenzjali bħall-ikel, il-mediċini u l-fjuwil, b'mod partikolari f'ċirkostanzi eċċezzjonali, u biex jintlaħqu oġettivi usa' tal-politika tat-trasport.

¹ Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

- (8) Billi jgħaqqad ir-rotot ewlenin tat-trasport tal-Unjoni mar-reġjuni u t-territorji periferiċi, muntanjużi u remoti tagħha, inkluż fil-livell reġjonali u lokali, u billi jistabbilixxi u jerġa' jdaħħal konnessjonijiet transfruntiera reġjonali nieqsa, is-settur ferrovjarju jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali fil-livell kontinentali, nazzjonali, reġjonali u lokali. Barra minn hekk, f'żoni remoti u rurali, in-networks li jiggarantixxu l-provvista ta' servizzi bażiċi lill-popolazzjoni huma sikwit inqas u huma inqas żviluppati. Ir-reġjuni periferiċi spiss jiffaċċjaw sitwazzjoni diffiċli doppja li jkunu ta' natura rurali u li jkunu fil-periferija tan-networks nazzjonali.
- (9) Filwaqt li s-sehem tal-passiġġieri tal-ferroviji fit-trasport fuq l-art fl-Unjoni żdied bi ftit mill-2007 'l hawn, is-sehem tal-merkanzija bil-ferrovija naqas. Għad fadal ħafna ostakli biex tinkiseb tassew żona ferrovjarja unika ewropea. Is-settur tal-ferroviji xi kultant huwa mxekkel inter alia minn Prattiki kummerċjali u operazzjonali skaduti, minn infrastruttura u vetturi ferrovjarji li qed jiqdiemu u minn vaguni storbużi. Jekk jingħelbu daww l-ostakli flimkien mat-tnaqqis tal-ispejjeż, l-istudju ta' skemi tal-Unjoni biex jiġu supplementati l-mekkaniżmi nazzjonali għal appoġġ mhux diskriminatorju għall-operaturi tal-ferrovija, u l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni, dan jippermetti lill-ferroviji jilhqqu l-potenzjal sħiħ tagħhom, filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern, jiżdied it-traffiku ferrovjarju u jkompli jittejbu l-livelli ta' sikurezza diġà għoljin. Għalhekk, is-settur tal-ferrovija jeħtieġ spinta oħra biex isir aktar attraenti kemm għall-vjaġġaturi, għall-impjegati, kif ukoll għan-negozji.

- (10) Il-ministri għat-Trasport minn maġġoranza ta' Stati Membri esprimew l-impenn tagħhom li jappoġġaw aġenda Ewropea għall-ferroviji internazzjonali tal-passiġġieri, permezz ta' dikjarazzjoni politika ppreżentata waqt il-vidjokonferenza informali tal-ministri għat-trasport tal-UE fl-4 ta' Ġunju 2020.
- (11) Sabiex jiġi promoss it-trasport ferrovjarju f'konformità mal-oġettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż fir-rigward tal-mobilità sostenibbli u intelliġenti, is-sena 2021 jenħtieġ li tintgħażel bħala s-Sena Ewropea tal-Ferroviji ("is-Sena Ewropea"). Is-sena 2021 se tkun importanti għall-politika ferrovjarja tal-Unjoni, billise tirrappreżenta l-ewwel sena sħiħa li fiha se jiġu implimentati r-regoli miftiehma fil-qafas tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju fl-Unjoni kollha, jiġifieri dwar il-ftuħ tas-suq tas-servizzi domestiċi tal-passiġġieri, dwar it-tnaqqis tal-ispejjeż u l-piż amministrattiv għall-impriżi ferrovjarji li joperaw madwar l-Unjoni u l-għoti ta' kompiti addizzjonali lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) li għandhom l-għan li jnaqqsu l-ostakli tekniċi. Hemm interess pubbliku dejjem jikber fil-ferroviji, inkluż fil-ferroviji ta' billejl, f'għadd ta' Stati Membri, kif muri bil-popolarità ta' DiscoverEU. Barra minn hekk, il-festival internazzjonali tal-arti "Europalia" se jiddedika l-edizzjoni tal-2021 tiegħu għall-influwenza tal-ferroviji fuq l-arti u se jenfasizza r-rwol tal-ferroviji bħala promotur b'saħħtu ta' bidla soċjali, ekonomika, industrijali u ekoloġika. Is-sena Ewropea għandha tikkontribwixxi għal dibattitu pan-Ewropew dwar il-futur tal-ferroviji.

- (12) Fil-livell tal-Unjoni, l-allokazzjoni finanzjarja meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni se tinvolvi finanzjament xieraq li jrid jiġi determinat fil-kuntest tal-proċedura baġitarja għall-2021 f'konformità mal-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021-2027. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja, jenħteġ li l-għan ikun li jiġi pprovdut finanzjament għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2022 ta' mill-inqas EUR 8 miljun.
- (13) Il-persuni li jivvjaġġaw bejn djarhom u l-post tax-xogħol tagħhom jammontaw għal 80 % sa 90 % tal-passiġġieri tal-ferroviji kollha. Dan ifisser li l-agglomerazzjonijiet urbani huma kontributuri sinifikanti għall-prestazzjoni ġenerali tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri. Il-mobilità urbana intelliġenti tiddependi fuq il-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjoni ta' linji suburbani u reġjonali li mhumx użati biżżejjed biex iwasslu għal impatt ekoloġiku baxx u koeżjoni soċjali u ekonomika.
- (14) Matul is-Sena Ewropea, jenħteġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li tniedi studju dwar il-fattibbiltà tal-holqienta' tikketta Ewropea biex tippromwovi oġġetti u l-prodotti ttrasportati bil-ferrovija sabiex thegħġeg lin-negozji jaqilbu t-trasport tagħhom għall-ferroviji. Bl-istess mod, jenħteġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li tniedi studju dwar il-fattibbiltà bil-ħsieb li tintroduċi indiċi tal-konnettività ferrovjarja", bil-għan tal-kategorizzazzjoni tal-livell ta' integrazzjoni miksub permezz tal-użu tas-servizzi fuq in-network ferrovjarju.

- (15) Ir-rwol ta' persunal motivat ma jistax jiġi valutat iżżejjed, peress li huma jiggarrantixxu li l-operazzjonijiet jimxu bla xkiel. Sabiex jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu, is-settur ferrovjarju jeħtieġ li jiddiversifika l-forza tax-xogħol tiegħu u, b'mod partikolari, biex jattira n-nisa u l-ħaddiema żgħażaġh. Dik il-politika jenħtieġ li tiġi promossa fil-livelli istituzzjonali kollha.
- (16) It-titjib tal-attrattività tal-ferroviji jirrikjedi li servizzi jkunu ċċentrati fuq l-utent u li jiġu organizzati u ddisinjati b'mod li joffru valur tajjeb, affidabbiltà konsistenti, kwalità eċċellenti ta' servizz u pprezzar attraenti.
- (17) Minħabba li l-ġhanijiet ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri l-promozzjoni tat-trasport ferrovjarju bħala mod ta' trasport sostenibbli, innovattiv, interkonness u intermodali, sikur u affordabbli, u bħala element importanti fiż-żamma u l-iżvilupp ta' relazzjonijiet tajbin bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien tagħha, kif ukoll biex tiġi enfasizzata d-dimensjoni Ewropea transfruntiera tal-ferroviji u biex jissaħħaħ il-kontribut tal-ferroviji għall-ekonomija, l-industrija u s-soċjetà tal-Unjoni, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, permezz tal-ħtieġa ta' skambju transnazzjonali ta' informazzjoni u tixrid tal-aħjar prattiki madwar l-Unjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-ġhanijiet,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Is-sena 2021 għandha tkun deżinjata bħala "s-Sena Ewropea tal-Ferroviji" ("Is-Sena Ewropea").

Artikolu 2

Objettivi

L-objettiv ġenerali tas-Sena Ewropea tal-Ferroviji għandu jkun li thegħeġ u tappoġġa l-isforzi tal-Unjoni, Stati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, u organizzazzjonijiet oħra biex jiżdied is-sehem tal-passiġġieri u l-merkanzija li jivvjaġġaw u jinġarru bil-ferrovija. L-objettivi speċifiċi tas-Sena Ewropea għandhom ikunu:

- (a) li tippromwovi t-trasport ferrovjarju bħala mod ta' trasport sostenibbli, innovattiv, interkonness u intermodali, sikur u affordabbli, b'mod partikolari billi tenfasizza r-rwol tal-ferroviji:
 - (i) bħala fattur ta' bidla li jgħin biex jintlaħaq l-objettiv ta' newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050,
 - (ii) bħala pilastru ta' network loġistiku effiċjenti, li jkun kapaċi jggarantixxi servizzi essenzjali, anke matul kriżijiet mhux mistennija, u
 - (iii) bħala mod tat-trasport li jilħaq lill-pubbliku usa', speċjalment iż-żgħażaġħ, inter alia billi l-ferroviji jiġu ppreżentati bħala opportunità ta' karriera attraenti;

- (b) li tenfasizza wkoll id-dimensjoni Ewropea, transfruntiera tal-ferroviji, li tqarreb liċ-ċittadini lejn xulxin, tippermettilhom li jesploraw l-Unjoni fid-diversità kollha tagħha, trawwem il-koeżjoni soċjoekonomika u territorjali u tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-suq intern tal-Unjoni, b'mod partikolari billi tiżgura konnettività aħjar fi ħdan il-periferija ġeografika tagħha u mal-periferija, inkluż permezz tal-konnessjonijiet reġjonali transfruntieri;
- (c) li ttejjeb il-kontribut tal-ferroviji għall-ekonomija tal-Unjoni, għall-industrija tagħha, inkluża l-kompetittività globali tagħha, għall-kummerċ tagħha u għas-soċjetà tagħha, b'mod partikolari dawk l-aspetti relatati mal-iżvilupp reġjonali u lokali, it-turiżmu sostenibbli, l-educazzjoni, iż-żgħażaġh u l-kultura, u biex ittejjeb l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità jew persuni b'mobilità mnaqqsa, u b'mod partikolari tingħata attenzjoni għall-ħtiġijiet ta' persuni anzjani;
- (d) li tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ferroviji bħala element importanti fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien tagħha,, billi tedifika fuq interessi u ħtiġijiet fil-pajjiżi sħab u fuq l-għarfien espert fit-trasport ferrovjarju, kemm fi ħdan l-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha;
- (e) li tibni fuq il-qawwa tal-ferroviji biex tistimula l-immaġinazzjoni kollettiva, b'mod partikolari permezz tal-istorja tal-ferroviji u l-wirt kulturali tagħhom, filwaqt li tfakkar fil-kontribut li l-ferroviji kellhom fil-ħolqien tal-prosperità Ewropea u r-rwol tagħhom fl-iżvilupp ta' teknoloġiji avvanzati;

- (f) li tippromwovi l-attrattività tal-professjonijiet ferrovjarji, b'mod partikolari billi tenfasizza d-domanda għal ħiliet ġodda u l-importanza ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u sikuri u li tiġi indirizzata l-ħtieġa li tiżdied id-diversità fil-forza tax-xogħol;
- (g) li tippromwovi r-rwol ewlieni tal-ferroviji fit-trasport internazzjonali tal-passiġġieri fi ħdan l-Unjoni;
- (h) li tippromwovi network ferrovjarju tal-Unjoni ta' billejl u tinkoraġġixxi inizzjattivi li jissottolinjaw in-natura transfruntiera tagħha bl-użu ta' simboli li jirrappreżentaw l-Unjoni;
- (i) li toħloq kuxjenza pubblika dwar ir-rwol potenzjali tal-ferroviji fl-iżvilupp tat-turiżmu sostenibbli fl-Ewropa;
- (j) li tippromwovi r-rwol ewlieni tal-ferroviji fil-mobilità sostenibbli minn tarf sa tarf, li jgħaqqdu l-hubs u jippermettu trasferiment attraenti u intelliġenti bejn il-modi tat-trasport;
- (k) li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju u għall-qawmien ta' kuxjenza dwar il-miżuri meħtieġa biex tiġi stabbilita żona ferrovjarja unika Ewropea, imsejsa fuq it-TEN-T li jiffunzjona tajjeb;
- (l) li tistimula diskussjoni dwar kif għandhom jiġu mmodernizzati l-vetturi ferrovjarji u dwar kif għandha tiżdied u tiġi żviluppata aktar il-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja sabiex jiġi ffaċilitat l-użu aktar mifrux tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija bil-ferroviji, filwaqt li f'dan il-kuntest tenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni fost l-amministraturi tal-infrastruttura, ir-riċerka u l-innovazzjoni u r-rwol tal-Impriża Konġunta Shift2Rail stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014¹;

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail (ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9).

- (m) li tippromwovi avvenimenti u inizjattivi għat-tixrid ta' informazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferroviji u tistimula l-kooperazzjoni fost l-atturi kollha sabiex titjeb l-informazzjoni għall-konsumatur u s-sistemi tal-biljetti, inkluża l-offerta ta' biljetti globali u l-iżvilupp ta' biljetti multimodali diġitali innovattivi, kif ukoll li ttipprovi informazzjoni dwar l-isfidi attwali f'dak ir-rigward, bħal l-hteġa għall-kondiviżjoni tad-data fost atturi.

Artikolu 3

Kontenut tal-miżuri

1. Il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 2 għandhom jiġu kkoordinati mill-qrib ma' attivitajiet li qed isiru li jippromwovu t-trasport ferrovjarju. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu l-attivitajiet li ġejjin fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali jew lokali, organizzati bi sħubijiet jew individwalment, u marbuta mal-għanijiet tas-Sena Ewropea:
 - (a) inizjattivi u avvenimenti li jippromwovu d-dibattitu, jibnu immaġni pożittiva, iqajmu kuxjenza u jiffaċilitaw l-involviment taċ-ċittadini, tan-negozji u tal-awtoritajiet pubbliċi biex iżidu l-fiduċja fil-ferroviji, b'mod partikolari wara l-kriżi tal-COVID-19 u biex jippromwovu l-attrattività tal-ferrovija għat-trasport ta' aktar persuni u merkanzija bħala mezz biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, permezz ta' kanali u mezzi multipli, inklużi avvenimenti fl-Istati Membri, filwaqt li jenfasizzaw ukoll is-sikurezza u l-kumdità tal-ivvjaġġar bil-ferroviji;

- (b) inizjattivi fl-Istati Membri biex jinkoraġġixxu, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, xejriet ta' vvjaġġar fuq negozju u vvjaġġar bil-ferrovija;
- (c) wirjiet informattivi, kampanji ta' ispirazzjoni, edukattivi u ta' qawmien ta' kuxjenza, kif ukoll l-użu ta' ferroviji ta' wiri u ta' informazzjoni biex jiġu mħeġġa bidliet fl-imġiba tal-passiġġieri, tal-konsumaturi u tan-negozju u biex jistimulaw lill-pubbliku ġenerali biex jikkontribwixxi b'mod attiv biex jintlaħqu l-oġettivi ta' trasport aktar sostenibbli;
- (d) kondivizzjoni tal-esperjenza u l-aħjar l-prattiki tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, is-soċjetà ċivili, in-negozji u l-iskejjel fir-rigward tal-promozzjoni tal-użu tal-ferroviji u dwar kif tiġi implimentata bidla fl-imġiba fil-livelli kollha;
- (e) twettiq ta' studji u attivitajiet innovattivi, u t-tixrid tar-riżultati tagħhom fuq skala Ewropea jew nazzjonali;
- (f) promozzjoni ta' proġetti u networks relatati mas-Sena Ewropea, inkluż permezz tal-midja, in-networks soċjali u komunitajiet online oħra;
- (g) sħubijiet u avvenimenti bħal daww imsemmija fl-Anness;
- (h) identifikazzjoni u promozzjoni tal-aħjar Prattiki biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għal modi differenti ta' trasport;

- (i) promozzjoni ta' proġetti u attivitajiet biex jqajmu kuxjenza dwar il-mobilità sostenibbli minn tarf sa tarf li tipprovdi soluzzjonijiet ta' vvjaġġar bla xkiel mill-bidu sat-tmien tat-traġitt (door-to-door) flimkien ma' modi ta' trasport oħrajn, inkluż l-ivvjaġġar attiv, u loġistika sostenibbli u intelliġenti;
- (j) promozzjoni ta' proġetti u attivitajiet li jrawmu l-qawmien ta' kuxjenza dwar l-importanza taż-żona ferrovjarja unika Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni kontinwaw tagħha, azzjonijiet li jiffaċilitaw il-vjaġġi ferrovjarji internazzjonali u azzjonijiet għall-informazzjoni diġitali għall-passiġġieri, bħal dawk li jipprovdu informazzjoni f'ħin reali dwar offerti ta' vjaġġi, it-tariffi u l-iskedi, inkluż minn fornituri indipendenti, li jiffaċilitaw it-tqabbil; u
- (k) il-promozzjoni ta' proġetti u attivitajiet bl-għan tat-twettiq ta' infrastruttura ferrovjarja estiża, modernizzata u interoperabbli, inkluża Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS), terminals li joffru għażliet tal-bidla modali, kif ukoll vetturi ferrovjarji modernizzati.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tibda, matul is-Sena Ewropea:

- (a) studju dwar il-fattibbiltà tal-ħolqien ta' tikketta Ewropea għall-promozzjoni ta' merkanzija u prodotti ttrasportati bil-ferroviji sabiex in-negozji jiġu inkoraġġuti jużaw it-trasport bil-ferroviji; u

- (b) studju ta' fattibbiltà bil-ħsieb li jiġi introdott indiċi tal-konnettività ferrovjarja, bil-għan li jiġi kkategorizzat il-livell ta' integrazzjoni miksub permezz tal-użu tas-servizzi fuq in-network ferrovjarju u li juri l-potenzjal tal-ferroviji li jikkompetu ma' modi oħra ta' trasport.

Sal-31 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-pjanijiet tagħha.

3. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, kif ukoll l-Istati Membri, fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali rispettivament, jistgħu jirreferu għas-Sena Ewropea u jagħmlu użu mill-identità viżiva tagħha biex jippromwovu l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 4

Koordinazzjoni fil-livell tal-Istati Membri

L-organizzazzjoni tal-parteċipazzjoni fis-Sena Ewropea fil-livell nazzjonali hija responsabilità tal-Istati Membri. Huma għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni ta' attivitajiet rilevanti fil-livell nazzjonali u għandhom jaħtru persuni ta' kuntatt nazzjonali biex jiżguraw il-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni.

Artikolu 5

Koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha regolarment torganizza laqgħat tal-persuni ta' kuntatt nazzjonali għall-koordinazzjoni tat-tmexxija tas-Sena Ewropea. Dawk il-laqgħat għandhom iservu wkoll bħala opportunitajiet biex isir skambju tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali. Rappreżentanti tal-Parlament Ewropew jistgħu jipparteċipaw f'dawk il-laqgħat bħala osservaturi.
2. Il-koordinazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni għandha tkun trasversali fl-approċċ bil-għan li jinħolqu sinerġiji bejn id-diversi programmi u inizzjattivi tal-Unjoni għall-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tat-trasport ferrovjarju jew li għandhom dimensjoni ferrovjarja.
3. Il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħat regolari tal-partijiet ikkonċernati kollha u r-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet jew korpi attivi fil-qasam tat-trasport ferrovjarju, inkluż networks transnazzjonali eżistenti, organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti, universitajiet u ċentri teknoloġiċi, kif ukoll rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet u komunitajiet taż-żgħażaġh, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil persuni b'diżabilità u persuni b'mobilità mnaqqsa, biex jassistuha fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni.
4. Il-Kummissjoni tista', sakemm il-baġit jippermetti, torganizza sejħiet għal proposti u proġetti li jistgħu jirċievu appoġġ għall-kontribuzzjoni pendenti tagħhom għall-għanijiet tas-sena Ewropea.

Artikolu 6
Kooperazzjoni internazzjonali

Għall-fini tas-Sena Ewropea, il-Kummissjoni għandha, fejn meħtieġ, tikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, filwaqt li tiżgura l-viżibbiltà tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni.

Artikolu 7
Monitoraġġ u evalwazzjoni

Sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tal-inizjattivi previsti f'din id-Deċiżjoni. Għall-evalwazzjoni tal-inizjattivi, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni. Dawk l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għandhom jiġu stabbiliti f'dak ir-rapport. Għall-fini ta' dak ir-rapport, l-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet li għalihom huma kienu responsabbli.

Artikolu 8
Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Sħubijiet u avvenimenti

Dan l-Anness jistabilixxi l-lista indikattiva li ġejja ta' sħubijiet u avvenimenti marbuta mas-Sena Ewropea:

- (1) sħubijiet ma' festivals ċinematografiċi fl-Ewropa kollha sabiex ikun enfasizzat il-post prominenti tal-ferroviji fil-produzzjoni ċinematografika;
- (2) kooperazzjoni ma' mużewijiet ferrovjarji Ewropej u avvenimenti kulturali eżistenti bħal festivals ċinematografiċi u wirjiet tal-arti;
- (3) sħubijiet mal-ERA biex issir enfasi fuq:
 - (a) il-prestazzjoni tas-settur ferrovjarju fl-Ewropa,
 - (b) l-għarfien tal-mestier tal-atturi f'dan is-settur ferrovjarju, b'mod partikolari tal-ħaddiema tal-ferroviji,
 - (c) il-vantaġġi tal-ferrovija mil-lat tas-sikurezza u l-protezzjoni ambjentali, u
 - (d) l-opportunitajiet ta' karrieri fis-settur ferrovjarju għall-istudenti u l-apprendisti fis-settur ferrovjarju;
- (4) ferroviji b'wirjiet mobbli fl-Unjoni biex jinfurmaw lill-pubbliku dwar l-għanijiet tas-Sena Ewropea u jenfasizzaw l-element ta' attrattività tal-ħafna messaġġi tagħha;

- (5) l-għoti ta' passes tal-Interrail liż-żgħażaġh, b'rabta ma' studji Erasmus jew kompetizzjonijiet, sabiex jiġi estiż l-ambitu tas-Sena Ewropea;
- (6) l-użu ta' stazzjonijiet ferrovjarji bħala postijiet tal-arti, postijiet fejn jiltaqgħu n-nies f'kuntest urban u hubs ekonomiċi, kulturali u ċiviċi, u l-użu ta' mużewijiet ferrovjarji biex jgħaddu l-messaġġi tas-Sena Ewropea.
-